IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

17 ta' Jannar 2015
06/2015

## 1,387 ŻWIEĠ FIL-KNISJA F'MALTA FIS-SENA 2014

In-numru ta' żwiġijiet fil-Knisja li ġew irreġistrati fl-Arċidjoċesi ta' Malta fis-sena 2014 kien ta' 1,387, żieda marġinali fuq iż-żwiġijiet irreġistrati fl-2013.

Mit-total ta' żwiġijiet rreġistrati fl-2014, 1,183 żwieġ kienu bejn Maltin. Kien hemm ukoll 53 żwieġ bejn Maltin u barranin. Dawn kienu mqassmin hekk: 29 żwieġ bejn Kattoliċi Maltin u Kattoliċi barrani; 20 żwieġ bejn Kattoliċi Maltin u Insara mhux Kattoliċi barranin; 4 żwiġijiet ta' Maltin ma' barranin li mhumiex Insara. Ġew rreġistrati wkoll 13-il żwieġ bejn Maltin li qed jgħixu f'pajjiżi oħra, u 138 żwiġijiet bejn koppji barranin.

Il-53 persuna minn pajjiżi oħra li fl-2014 ingħaqdu fi żwieġ fil-Knisja ma' persuni Maltin kienu 27 raġel u 26 mara, minn 26 pajjiż differenti, ewlenin fosthom: mill-Italja (11) u mill-Ingilterra (10). L-aktar xhur popolari għaż-żwiġijiet kienu Mejju, Ġunju u Lulju. L-aktar etajiet komuni tal-koppji li żżewġu s-sena l-oħra kienu bejn l-20 u d-29 sena.

Fl-2014 kien hemm 48 żwieġ li ġie konvalidat. Żwieġ konvalidat huwa żwieġ ċivili li maż-żmien il-koppja titlob li jsir bil-Knisja.

Fl-istess perijodu kien hemm 6 armel/armla li reġgħu żżewġu, kif ukoll 28 persuna li reġgħu żżewġu wara li l-ewwel żwieġ tagħhom ġie dikjarat null.

L-informazzjoni kollha nġabret mill-Uffiċċju Żwiġijiet tal-Kurja tal-Arċisqof. Din ma tinkludix iż-żwiġijiet li saru fid-Djoċesi ta' Għawdex.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org